# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 17/2025/3**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Francis Abela**

Illum 17 ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Francis Abela**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 196361(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Novembru 2021, għall-ħabta ta' 14:00hrs, fl-inħawi taż-Żurrieq u x'imkien f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja speċjali biex jipparteċipa fil-proġett tal-Gvern għar-Riċerka fuq is-Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa 2021 maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar

Selvaġġi u dan bi ksur ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Liġijiet ta' Malta u f'kull liġi oħra;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, uża għasafar bħala taħrik u għajjat li ma kinux imlibbsa ċurkett li jintuża darba li kien maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li għandu l-Kodiċi R16U, u jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u jew bgħula u, jew ibridi, bi ksur ta' kundizzjoni 20 tal-liċenzja speċjali għar-Riċerka fuq is-Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa 2021 u Regolament 12(k) tal-Avviż Legali 394 tal-2021;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-iSkeda II (uħud minnhom imniżżla fi Skeda I), meta dawk l-għasafar, ma ġewx dikjarati mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-dispożizzjonijiet ta' Regolament 21; jew kienu ġew importati legalment skont id-dispożizzjonijiet ta' Regolamenti 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu ġew meħuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tagħhom saret skont il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwistati b'mod legali skond id-Direttiva 2009/147/KE tal-UE, jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża għasafar tal-għana bħala għajjat u/jew taħrik waqt li kien fis-sit fejn qiegħed isir l-insib u li ma kinux qegħdin jissodisfaw Regolament 12(k) ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bħala kollettur tad-data hu awtorizzat biss li juża stazzjon tar-riċerka wieħed għall-ispeċi rilevanti fi kwalunkwe żmien u li l-istazzjon tar-riċerka ma għandux ikollu aktar minn mansab wieħed minn dura waħda b'kull xibka u jkollha daqs ta' mhux aktar minn tmienja u tletin metru kwadru u daqs ta' malju ta' mhux inqas minn 18mm bi 18mm u dan bi ksur ta' Regolament 12(e) ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Liġijiet ta' Malta.

II-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt Regolament 27 ta' l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 Dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt Avviż Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Jannar 2025, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ħames (5) imputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat Regolamenti 12(k) u 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 4(1)(e) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li setgħet titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' erbgħin Euro (€40). Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja u permess rilevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet snin.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***tirriforma*** *s-sentenza appellata u dan billi* ***tħassar u tirrevoka*** *dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena; jew alternattivament* ***tirriforma*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fid-19 ta' Frar 2025.

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2025 fejn, fost l-oħrajn, l-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali ddikjarat li ma kellha xejn aktar x'iżżid mar-Risposta tal-Avukat Ġenerali msemmija fil-paragrafu preċedenti.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Jannar 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw każ ta' insib għal għasafar tal-għana fuq mansab irreġistrat għal pluvieri u malvizz. Mill-okkorrenza (*a fol.* 5 *et seq.*) jidher li fl-10 ta' Novembru 2021 il-Pulizija rċevew rapport li seta' kien hemm nassab iż-Żurrieq li kien qed jikser il-liġi. Jidher li l-Pulizija marru fuq il-post għal xi 2pm fejn sabu l-mansab tal-appellant. Allegatament jidher li ġew innutati xi għasafar tal-għana u anke x-xbieki li jidher li kien intiż għal dawk it-tip ta' għasafar. L-appellant għażel li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti fejn argumenta li dak il-mansab ma kienx tiegħu u li kien ta' ħabib tiegħu li miet xi żmien wara.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jargumenta li sar apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u applikazzjoni errata tal-liġi. Huwa jilmenta dwar il-katina tal-provi madwar l-għasafar sekwestrati. Jgħid li kif indikat fis-sentenza appellata, l-affidavits tal-Pulizija li rrikorrew fuq il-post ma setgħux jiġu kkunsidrati minħabba prinċipji proċedurali. Ikompli li għalhekk ma tistax tiġi aċċertata l-katina tal-prova rigward l-għasafar u li dawn huma tiegħu (tal-appellant). Jgħid li ma jistax jiġi konkluż li hu kien waħdu fuq il-post.

Illi l-aggravju in eżami jorbot fuq il-katina tal-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton McKay** (Numru 1/2022) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "32. Il-prinċipju tal-ħarsien tal-integrita probatorja u proċesswali bit-tħaris taċ-*chain of custody* huwa fundamentali fil-kawżi kriminali. L-akkużat għandu jkollu garanzija tal-awtentiċita', integrita, u kontinwita tal-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni. Għandu jkollu jedd għal garanzija ta' kif tkun l-oriġini tagħhom, ta' xi movimenti li dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.
>
> 33. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġonevoli f'moħħ min irid jiġġudika l-fatt li dik l-evidenza dejjem kienet traċċjabbli u li ma sfat qatt mibdula, mbagħbsa, mittiefsa jew meqruda minn terzi; altrimenti l-integrita' ta' dik il-prova u tal-proċess penali jistgħu jkunu ġew serjament kompromessi. Ikun għalhekk isegwi illi l-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet rakkolta, proċessata u kkustodita kienet awtentika u miżmuma b'mod integru fil-franġent ta' bejn dawn l-istadji ta' ġbir u preżervazzjoni għal mument ta' meta l-istess tiġi prodotta biex tintuża' bħala evidenza fil-Qorti.
>
> [...]
>
> 37. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita t-traċċjabilita' tal-evidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal. Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-evidenza. Dan kien mistqarr fid-

deċiżjoni **People v. Connelly**[1] fejn intqal is-segwenti b'referenza għar-regola taċ-'chain of custody':

> When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that **all those who have handled the item identify it and testify to its custody and unchanged condition**."

Illi għalkemm huwa minnu li l-affidavits ta' PC 1093 B. Debattista (Dok. "CG 4" – *a fol.* 9 *et seq.*) u PC 217 I. Mizzi (Dok. "CG 5" – *a fol.* 11 *et seq.*) ġew meqjusa mill-Ewwel Qorti li ma sarux skont ma jipprovdi Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, però kif jgħid l-Avukat Ġenerali dawn ma humiex l-unika prova li hemm fl-atti proċesswali.

Illi l-ewwel u qabel kollox l-appellant stess waqt ix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti fis-17 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 81 *et seq.*) jammetti li huwa kien qed jonsob. Il-kontroversja kienet fuq liema mansab huwa kien qed jonsob. Minbarra dan mit-traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti minn Cassie Sciberras Grech (in rappreżentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit*) jirriżulta li xehdet is-segwenti (*a fol.* 18A *et seq.*):

> "Mela fl-10 ta' Novembru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) il-WBRU rċevejna telefonata mingħand il-Pulizija tal-EPU li kienu se jġibu xi għasafar sabiex jiġu vverifikati ċ-ċrieket. Dawn l-għasafar kienu ġew meħuda mingħand Francis Abela bl-Id Card 0196361M minħabba li kien qed jonsob fuq mansab li ma kienx reġistrat."

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li għal din ix-xiehda ma sarx kontro-eżami, għandu jiġi nnutat ukoll li mill-verbal tas-seduta

[1] "35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974."

miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-7 ta' Diċembru 2022 (*a fol.* 12) jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur eżebixxa numru ta' dokumenti fosthom x'għasafar ġew prelevati minn fuq il-mansab fejn kien l-appellant u li dawn l-għasafar ġew mgħoddija lil Cassie Sciberras Grech.

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, fid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant allura imputat ikkonferma li lill-Pulizija kien qalilhom li l-għasafar kienu tiegħu. In fatt mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tal-appellant jirriżulta li għad-domanda (*a fol.* 84):

"U inti x'diskors kien hemm mal-Pulizija xi tħadditu?",

huwa wieġeb is-segwenti:

> "Il-Pulizija qaltli "dan tiegħek", attilha "tiegħi", jien ma kontx ħa noqgħod inwaħħal fl-ieħor għamilli pjaċir saħħa kien iwassalni u hekk....".

Illi rigward il-preżenza tat-tieni persuna u ċioè il-ħabib li l-appellant jagħmel riferenza għalih waqt id-depożizzjoni tiegħu li jgħid li miet, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn PS 217 Italo Mizzi quddiem l-Ewwel Qorti minn liema jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 78):

"Pros: Inti liem min sibt fuq il-post?

Xhud: Sibt lis-sinjur li qiegħed hawn hekk

[...]

Xhud: Aħna kif wasalna hemm ġew sibnieh fuq il-mansab u fid-dura li xbieki li qed nitkellmu fuqu hawnhekk kienu kollha jagħtu għad-dura fejn kien qiegħed u....".

Illi għalhekk l-unika persuna li tirriżulta li kienet preżenti fuq is-sit kien l-appellant b'dan illi minn kliemu stess f'dak il-mument huwa ammetta li l-għasafar misjuba kienu tiegħu. Di piu' imkien ma huwa qed jgħid li l-għasafar li ġew ippreżentati fl-atti proċesswali ma kienux dawk maqbuda mill-Pulizija. Għalhekk mhux mistħoqq l-argument imressaq mill-appellant li l-katina tal-provi ġiet b'xi mod miksura. Apparti minn dan, mill-atti proċesswali lanqas jirriżulta xi prova tal-preżenza ta' terza persuna fuq is-sit fejn kien l-appellant. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi dan l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. L-appellant jissottometti li ċ-ċirkostanzi jimmeritaw aktar kunsiderazzjoni b'dan illi jisħaq li fid-dritt penali l-ġustifikazzjoni tal-piena għandha tkun bbażata fuq tliet prinċipji kardinali, fosthom l-aspett ri-redukattiv. L-appellant jitlob li f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu, hija għandha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William Caruana** (Numru 340/2019) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"6. Inoltre f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, *'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'* (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court*

> *might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

7. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubbklika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri

tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita', dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari

fuq il-piena. S'intendi, kif diga' ngħad, *"sentencing is an art rather than a science"* u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

8. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibbilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, meħud in konsiderazzjoni tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u li din il-Qorti kkonfermat l-istess, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Francis Abela u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**